**Emenda 1**
**Vicente Miguel Garcés Ramón**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B7-0386/2013**
**IMCO, AFET**
Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà: Ċiberspazju Miftuħ u Sikur

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi t-teknoloġija hija l-pedament għall-iżvilupp taċ-ċiberspazju, u l-adattament kontinwu għat-tibdiliet teknoloġiċi huwa essenzjali jekk għandhom jittejbu r-reżiljenza u s-sikurezza taċ-ċiberspazju tal-UE; billi għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tinżamm aġġornata bl-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, u b'hekk ikunu jistgħu jsiru l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminali u l-protezzjoni tal-vittmi taċ-ċiberkriminalità; | L. billi t-teknoloġija hija l-pedament għall-iżvilupp taċ-ċiberspazju, u l-adattament kontinwu għat-tibdiliet teknoloġiċi huwa essenzjali jekk għandhom jittejbu r-reżiljenza u s-sikurezza taċ-ċiberspazju tal-UE; billi għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tinżamm aġġornata bl-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, u b'hekk ikunu jistgħu jsiru l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminali u l-protezzjoni tal-vittmi taċ-ċiberkriminalità; ***billi l-Istrateġija tal-UE għaċ-Ċiberkriminalità għandha tinkludi miżuri ffukati fuq is-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-iżvilupp ta' Skwadri ta' Rispons f'Emerġenzi Relatata mal-Kompjuters (CERTs), l-iżvilupp ta' suq intern għall-prodotti u s-servizzi ta' ċibersigurtà, u l-promozzjoni ta' investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 2**
**Vicente Miguel Garcés Ramón**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0386/2013**
**IMCO, AFET**
Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà: Ċiberspazju Miftuħ u Sikur

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-politika taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni għandha tipprovdi ambjent diġitali sigur u affidabbli bbażat fuq il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-libertajiet u r-rispett għad-drittijiet fundamentali online u ddisinjat biex lil dawn jiggarantihom, kif stabbilit fil-Karta tal-UE u fl-Artikolu 16 TFUE, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta; jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-protezzjoni tat-tfal online; | 7. Jenfasizza li l-politika taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni għandha tipprovdi ambjent diġitali sigur u affidabbli bbażat fuq il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-libertajiet u r-rispett għad-drittijiet fundamentali online u ddisinjat biex lil dawn jiggarantihom, kif stabbilit fil-Karta tal-UE u fl-Artikolu 16 TFUE, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta; jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-protezzjoni tat-tfal online***, u li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw newtralità netta u d-dritt universali għat-telekomunikazzjonijiet u għas-servizzi relatati kollha; jemmen li ċ-ċibersigurtà għandha tiġi regolata b'tali mod li ma tkun tista' tiġi applikata l-ebda diskrezzjonalità***; |

Or. en

**Emenda 3**
**Vicente Miguel Garcés Ramón**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0386/2013**
**IMCO, AFET**
Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà: Ċiberspazju Miftuħ u Sikur

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 47**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 47. Iqis li, b'mod partikolari, il-Grupp ta' Ħidma bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar iċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberkriminalità għandu jservi bħala strument għall-UE u l-Istati Uniti biex jiskambjaw, kulfejn ikun possibbli, l-aħjar prattiki dwar politiki ta' ċibersigurtà; jinnota, f'dan il-kuntest, li l-oqsma marbuta maċ-ċibersigurtà, bħalma huma s-servizzi li jiddependu mill-funzjonament sigur tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni, se jiġu inklużi fin-negozjati li se jsiru dalwaqt tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP); | 47. Iqis li, b'mod partikolari, il-Grupp ta' Ħidma bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar iċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberkriminalità għandu jservi bħala strument għall-UE u l-Istati Uniti biex jiskambjaw, kulfejn ikun possibbli, l-aħjar prattiki dwar politiki ta' ċibersigurtà; jinnota, f'dan il-kuntest, li l-oqsma marbuta maċ-ċibersigurtà, bħalma huma s-servizzi li jiddependu mill-funzjonament sigur tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni, se jiġu inklużi fin-negozjati li se jsiru dalwaqt tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP)***, li għandhom jiġu konklużi b'tali mod li jsalvagwardja s-sovranità tal-UE u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet tagħha***; |

Or. en